31998R2825

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 2825/98
tat-22 ta' Diċembru 1998
li jeżenta mid-dazji tat-tariffa komuni doganali l-importazzjonijiet fil-Komunità tas-sardin ippreparat u priservat li joriġina mill-Marokk

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 113 tiegħu,

Wara li kunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi l-Protokoll 2 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra, iffirmata fis-26 ta' Frar 1996, jipprovdi biex l-importazzjoni fil-Komunità ta' sardin ippreparat u priservat tal-kodiċi NM 1604 13 11, 1604 13 19 u ex 1604 20 50 li joriġina fil-Marokk tkun eżenta mid-dazji doganali mill-1 ta' Jannar 1999;

Billi, sakemm ikun konkluż il-Ftehim u jidħol fis-seħħ, il-Komunità għandha tintroduċi dawn l-arranġamenti b'mod awtonomu,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Importazzjonijiet fil-Komunità ta' sardin ippreparat u priservat tal-kodiċi NM 1604 13 11, 1604 13 19 u ex 1604 20 50 li joriġina fil-Marokk għandhom ikunu eżenti mid-dazji doganali.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-ġurnata tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu jgħodd mill-1 ta' Jannar 1999 sad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim Ewro-Mediterranju mal-Marokk.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-22 ta' Diċembru 1998.

F'isem il-Kunsill

Il-President

C. EINEM